ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2018**

| **Ir-Raba' Sena** | **IR-RELIĠJON** | **Il-Ħin: Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: __________

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titlu ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

**Għall-użu tal-għalliema BISS**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 22 | 21 | 14 | 23 | 20 | 100 |
| | | | | | |

TAQSIMA A **(22 marka)**

NGĦIX MA' KULĦADD

**Daħħal fil-vojt il-kliem li ġej. In-numru 1 huwa eżempju.** *(3 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| fl-imġiba | l-eżempju | ~~differenti~~ | inħobbu |

1. Aħna lkoll għandna karatteristiċi li jagħmluna differenti minn xulxin.
2. Bħala bnedmin irridu ____________________ lil xulxin.
3. Ġesù kien jaċċetta lil kulħadd u aħna rridu nimxu fuq ____________________ tiegħu.
4. Kull persuna trid taħdem biex ____________________ tagħha ssir dejjem aħjar.

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. In-numru 5 huwa eżempju.** *(3 marki)*

5. Ġajru kien (il-kap tas-sinagoga, suldat, appostlu).
6. Meta Ġajru mar għand Ġesù, it-tifla tiegħu kienet qiegħda (titlob, tmut, tilgħab).
7. Ġesù mar għand Ġajru biex ifejjaq (lill-mara, lit-tifla, lill-qaddejja) tiegħu.
8. Ġesù qabad id it-tifla u qalilha biex (tqum, tmur tilgħab, tmur titlob).



**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. In-numru 9 huwa eżempju.** *(3 marki)*



| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 9. | Qabel ma ltaqa' ma' Ġesù, Mattew | | qallu biex imur warajh. |
| 10. | Meta Ġesù ltaqa' ma' Mattew, | **9** | kien jiġbor it-taxxi. |
| 11. | Mattew sema' minn Ġesù | | u sar raġel tajjeb. |
| 12. | Mattew bidel ħajtu | | u mar warajh. |

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.**
**In-numru 13 huwa eżempju.** *(6 marki)*

13. Sawl kien l-ewwel **s**ultan ta' Iżrael.

14. Għall-bidu kien dejjem jagħmel dak li ried minnu **A**____________________.

15. Iżda mbagħad beda jgħir għal **D**____________________ għax beda jsir aktar popolari minnu.

16. Sawl ipprova **j**____________________ imma ma rnexxilux.

17. Hawn għandek lista ta' kwalitajiet tajbin u ta' oħrajn mhux daqshekk tajbin li jista' jkollna. Qassam il-kwalitajiet li ġejjin fil-kolonna t-tajba.

L-ewwel waħda hija eżempju.

*(5 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| ~~sinċier~~ | nervuż | ġellied |
| ferrieħi | ċajtier | supperv |

| **Kwalitajiet tajbin** | **Kwalitajiet mhux daqshekk tajbin** |
|---|---|
| sinċier | |
| | |
| | |



*Jennifer ma tantx kienet tmur tajjeb fl-Ingliż. Għalhekk ommha tatha parir biex tibda tistudja kmieni u ma tħallix għall-aħħar. Jennifer obdiet minn ommha u bdiet tistudja ftit aktar kuljum.*

**Kompli din is-sentenza.**

18. Meta xi ħadd jagħtini parir, jien għandi ______________________________

______________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA B** **(21 marka)**

**MIN JIFFORMA L-KATINA TA' ĦAJJITNA**

**Daħħal fil-vojt il-kliem li ġej:** *(3 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| Pietru | il-Missier | l-appostli |

1. Il-ħbieb ta' Ġesù kienu ____________________.
2. Wieħed mill-ħbieb ta' Ġesù kien ____________________.
3. Ġesù qal lill-appostli, "Insejħilkom ħbieb għax għedtilkom dak kollu li ____________________ qalli."

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.** *(8 marki)*

4. Skont Ġesù, il-ħbieb **i**____________________ lil xulxin.
5. Il-ħbieb vera **j**____________________ lil xulxin meta jkunu fil-bżonn.
6. Li tkun ħabib ma jfissirx li tkun **t**____________________ f'kollox.
7. Ġesù kien iħobb lil **k**____________________, anke lil dawk in-nies li ma kinux jaqblu miegħu.

**Kompli din is-sentenza.** *(2 marki)*

8. Mal-ħbieb jien għandi ________________________________________

**Wieġeb.**

John, wieħed mill-ħbieb tiegħek, ma jiflaħx u għalhekk mhux jiġi skola.

9. Bħala Nisrani/ja, x'tista' tagħmel int biex tgħin lil John? *(2 marki)*

________________________________________

Darba waħda lil Ġesù ġabulu mara li nqabdet tagħmel dnub. In-nies riedu jwaddbulha l-ġebel imma Ġesù qalilhom, "Min hu bla dnub jixħet hu l-ewwel ġebla."



**Kompli dawn is-sentenzi.** *(6 marki)*

10. Ġesù ħenn għal din il-mara u qalilha ______________________________

11. Meta nara persuna li tkun qed tagħmel il-ħażin, jien għandi ______________

______________________________________________

12. Bħal Ġesù, jien nista' nferraħ lil sħabi billi ______________________________

**TAQSIMA C** **(14-il marka)**

**BIL-KURAĠĠ INĦARSU 'L QUDDIEM**

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.** *(4 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| l-ilma | il-blandun | Alla | il-libsa l-bajda |

1. Fil-Magħmudija __________________ juri li Alla huwa preżenti.
2. Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija __________________ turi l-ħajja ġdida u sabiħa li qed tirċievi t-tarbija.
3. Fil-Magħmudija __________________ jnaddaf u hu sinjal ta' ħajja.
4. Il-Magħmudija lilna tagħmilna wlied __________________ .

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. In-numru 5 huwa eżempju.** *(6 marki)*

5. Waħda mill-ikbar sfidi li għandna bħala Nsara hija li ngħixu (il-Magħmudija, kif irridu aħna, bħall-oħrajn).

6. Meta (nitgħammdu, nitqarbnu, nilagħbu), aħna nitwieldu mill-ġdid.

7. L-Ispirtu s-Santu jiġi fina għall-ewwel darba (fil-Magħmudija, fil-Griżma tal-Isqof, fl-Ewwel Tqarbina).

8. (Ġwanni l-Battista, San Pawl, San Pietru) għammed lil Ġesù fix-Xmara Ġordan.

9. Il-Magħmudija hija wieħed (mis-seba', mill-għaxar, mill-ħames) sagramenti.

10. Valur hija xi ħaġa (tajba, ħażina, mhux importanti) li jkollu l-bniedem.

11. Quddiem (Kajfa, Pilatu, l-Appostli) Ġesù ġie msawwat għax qal il-verità.

**Wieġeb.** *(2 marki)*

12. Semmi **żewġ** persuni li Ġesù ltaqa' magħhom meta kien tiela' bis-salib fuq l-għolja tal-Kalvarju.



(a)______________________________

(b)______________________________

**Kompli din is-sentenza.** *(2 marki)*

13. Biex ngħix il-Magħmudija jeħtieġ li ______________________________

**Taqsima D** **(23 marka)**

**KULĦADD GĦANDU POSTU**

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.** *(3 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| l-Ispirtu s-Santu | tal-Knisja | fl-Ewkaristija |

1. Fil-Magħmudija aħna nsiru membri ____________________.

2. Fil-Magħmudija aħna nirċievu fina ____________________.

3. Fil-knisja li nsibu f'kull raħal insibu preżenti lil Ġesù ____________________.

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.**

*(8 marki)*

4. Is-Salmi huma **i**____________________ lil Alla.

5. **D**____________________ kiteb ħafna mis-salmi li nsibu fil-Bibbja.

6. **Ġ**____________________ huwa r-ragħaj tagħna u aħna l-merħla tiegħu.

7. Il-kap tal-Knisja huwa l-**P**____________________ li jgħix fil-Vatikan.

**Imla l-vojt.** *(6 marki)*

8. San Stiefnu kien ____________________.

9. Huwa ma riedx jiċħad lil ____________________ u għalhekk qatluh billi ħaġġruh.

10. Qabel miet, hu ____________________ lil min għamillu l-ħsara.

**Kompli din is-sentenza.** *(2 marki)*

11. Jien ukoll nista' nkun bħal San Stiefnu billi ______________________________

*Paul kien jgħid lil sħabu li kuljum kien jitlob qabel ma jorqod. Imma ħafna drabi allaħares kienet tqabbdu jagħmel xi ħaġa ommu, għax jibda jissuppervja. Oħtu sikwit qaltlu biex lil ommu jkellimha sew, imma kien kollu għalxejn.*

**Wieġeb.**

12. X'kien qed jagħmel tajjeb Paul? X'kien qed jagħmel ħażin?

__________________________________________________ *(2 marki)*

13. Min jitlob, x'suppost li jagħmel?

__________________________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA E** **(20 marka)**

**IL-FAMILJA KBIRA TIEGĦI**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(4 marki)*

1. Madre Tereża kienet (mill-Albanija, mill-Italja, minn Malta).
2. Qabel ma daħlet soru, ix-xogħol ta' Madre Tereża kien ta' (tabiba, għalliema, segretarja).
3. Hi ħasset lil Ġesù jsejħilha biex tagħti ħajjitha (għal min hu b'saħħtu, għall-fqar, għas-sinjuri).
4. Madre Tereża ddedikat ħajjitha biex tgħin lil persuni (intelliġenti, edukati, mwarrbin).

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.** *(3 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| iż-żgħar | miegħi | wieħed |

5. "Dak li tagħmlu ma' ____________________ minn dawn ____________________ tkunu qed tagħmluh ____________________".

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numri 6 sa 8 fil-kaxxi vojta fin-nofs.**

*(3 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 6. | Dun Karm Psaila | | ħadet ħsieb tfajliet orfni. |
| 7. | Adelaide Cini | | għallem lil ħafna nies u fetaħ djar għat-tagħlim tal-katekiżmu Nisrani. |
| 8. | San Ġorġ Preca | | kiteb ħafna poeżiji sbieħ lil Alla bil-Malti, fosthom l-Innu Malti. |

**Imla l-vojt.** *(4 marki)*

9. Ġesù għallimna li għandna ngħinu u nħennu għal kull min ikun fil-bżonn.

Għalhekk għandna:

(a) naqsmu mal-oħrajn ______________________

(b) nżuru lil ______________________

(c) ngħinu lil ______________________

(d) nagħmlu ħbieb ma' min ______________________

**Kompli din is-sentenza.** *(2 marki)*

10. Meta nara lil xi ħadd fil-bżonn, jien għandi ______________________

**Wieġeb.**

**X'għandhom jagħmlu dawn it-tfal f'dawn is-sitwazzjonijiet?**
**In-numru 11 huwa eżempju.** *(4 marki)*

11. In-nanna ta' Marica tinsab marida d-dar.

Marica għandha <u>tmur iżżurha u tara xi jkollha bżonn.</u>

12. Peter sar jaf li l-ħabiba tiegħu għaddejja minn inkwiet kbir fil-familja.

Peter għandu ______________________

13. Paul qal gidba fuq Samwel.

Paul għandu ______________________

**TMIEM IL-KARTA**